**QORTI CIVILI PRIM’ AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Awwissu 2018**

Numru: 3

**Rikors Nru. 752/2018**

**Gram Marine Pte Ltd**

**Vs**

**Pelagos Shipping Company Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tas-16 ta’ Lulju 2018 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta intimata hija proprjetarja tal-m.v. "PELAGOS" registrat hawn Malta bin-numru IMO 9465734.

2. Illi s-socjeta esponenti hija kreditrici tas-socjeta intimata ghall-ammont ta' USD166,526.83 (mija u sitta u sittin elf, hames mija u sitta u ghoxrin dollaru Amerikan u tlieta u tmenin centezmu) oltre imghaxijiet, ekwivalenti llum ghal EUR134,981.62 (mija u erbgha u tletin elf, disa' mija u wiehed u tmenin ewro u tnejn u sittin centezmu) kif ukoll l-spejjez inkluzi dawk tal-istanza prezenti, ghar-rigward ta' bejgh u konsenja ta' bunkers u lubricants skond l-anness statement of account Dok. A u l-annessi fatturi Dok. B sa Dok. G.

Illi s-socjeta rikorrenti diga bdiet proceduri gudizzjarji kontra s-socjeta intimata fil-mertu dwar il-kreditu taghha quddiem il-One-Member Court of First Instance f'Piraeus il-Grecja.

3. Illi l-kreditu tas-socjeta rikorrenti jaqa' taht is-subartikolu u/jew 10(iv) u/jew (v) tal-artikolu 37 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, Kap. 234.

4. Illi a tenur tal-artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta dina l-Onorabbli Qorti tista' tipprojbixxi kull negozju dwar bastiment jew sehem fih.

5. Illi r-rappresentanti tas-socjeta rikorrenti ikkomunikaw mas-socjeta intimata dwar din il-kwistjoni izda minghajr success.

6. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent nomine l-assi tas-socjeta intimata huwa l-imsemmi bastiment merkantili "PELAGOS" registrat hawn Malta, u jekk is-socjeta intimata tbiegh jew titrasferixxi mod iehor dan il-vapur, il-kreditu tas-socjeta rikorrenti jigi eluz.

Illi jghid l-intimat nomine ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

(i) Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment "PELAGOS" u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati "mortgages" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u lanqas ma jinhareg "deletion certificate" u dan taht dawk il-kundizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportun u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ii) Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata u li ma giet prezentata ebda risposta biex tiggustifika jekk hemmx difiza tajba ghall-kawza;

Rat li r-rikors thalla ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Din hi talba ta’ socjeta Maltija sabiex jigi ordnat li ma jsir ebda negozju fuq il-bastiment PELAGOS peress illi ghandha pretensjoni kontra sid l-istess vapur ghar-rigward ta’ bejgh u konsenja ta’ bunkers u lubricants kif attestat mid-dokumenti esebiti Dok. A sa G (fol. 5 sa 11) tar-rikors promotur.

Is-socjeta attrici tikkontendi li din il-pretensjoni monetarja hi koperta bi privilegg ai termini tal-artikolu 50(j) u/jew (m) tal-Kap. 234 cioe ghal xoghlijiet jew riparazzjonijiet fuq il-vapur u azzjoni ghar-rikavat tal-ammont dovut li hi kunsidrata bhala azzjoni in rem a tenur tal-artikolu 742B(o) tal-Kap. 12. Ghalhekk ai termini tal-artikolu 37 tal-Kap. 234 peress li l-kriterji tal-artikolu 37(10)(a) (iv) u/jew (v) cioe azzjoni in rem fuq vapur tista’ ssir meta hi koperta bi privilegg jew talba ohra li tikkwalifika bhala azzjoni in rem fuq vapur, huma sodisfatti, qed jintalab il-hrug tal-ordni.

Il-Qorti hi tal-fehma li giet stabbilita relazzjoni prima facie kontrattwali bejn is-socjeta attrici u dik konvenuta qua sid il-vapur li tat lok ghal pretensjoni fil-mertu. Il-Qorti taghmilha cara li din mhix kawza fil-mertu izda talba ghal provvediment kawtelatorju fil-konfront ta’ kumpanija marittima fuq il-vapur proprjeta taghha minhabba pretensjoni monetarja li minn natura taghha twassal ghal ottjeniment ta’ dan il-provvediment.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ it-tabiet tas-socjeta attrici billi tordna li ma jsir ebda ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment PELAGOS, IMO 9465734, u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati 'mortgages' fuq l-istess bastiment u lanqas jinhareg ebda deletion certificate, u li din l-ordni tigi notifikata lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234. L-ispejjez jithallsu mis-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur